EHEAROME2020

# Komunikat Ministerjali ta' Ruma

ANNESS II

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna process

ITALIAN BFUG SECRETARIAT
2018-2020

Translated within the Erasmus+ project “IN-GLOBAL Enhancing Knowledge of the EHEA and Global Dialogue” in 2023.

The original version of the Rome Communiqué and its annexes are available on the website of the European Higher Education Area:
https://ehea.info/page-ministerial-conference-rome-2020

Co-funded by
the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

EHEAROME2020

# Prinċipji u Linji Gwida biex Tissaħħaħ id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni Ogħla fl-EHEA

Imħejji mill-Grupp Konsultattiv 1 tal-BFUG dwar id-Dimensjoni Soċjali

## Introduzzjoni

Il-Komunikat ta' Pariġi tal-2018 irrikonoxxa l-ħtieġa li l-istati membri jiġu gwidati dwar kif jiddefinixxu u jimplimentaw il-politika għat-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-EHEA. Dan id-dokument jiddeskrivi l-prinċipji ewlenin u l-linji gwida, li aħna nemmnu li huma fundamentali għall-iżvilupp ulterjuri tad-dimensjoni soċjali fl-edukazzjoni ogħla. Dan id-dokument jieħu bħala l-punt tat-tluq id-definizzjoni tad-dimensjoni soċjali pprovduta fil-Komunikat ta' Londra tal-2007, jiġifieri li l-kompożizzjoni tal-grupp ta' studenti li jidħlu, jipparteċipaw fi u jtemmu l-edukazzjoni ogħla, fil-livelli kollha, għandha tikkorrispondi mal-profil soċjali eteroġenju tas-soċjetà inġenerali fil-pajjiżi tal-EHEA. Il-Grupp Konsultattiv għad-Dimensjoni Soċjali jmur ukoll lil hinn mid-definizzjoni msemmija qabel u kabbar id-definizzjoni billi saħaq li d-dimensjoni soċjali tinkludi l-ħolqien ta' ambjent inklużiv fl-edukazzjoni għola li jrawwem l-ekwità, id-diversità, u li huwa responsiv għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali.

Il-prinċipji u l-linji gwida f'dan id-dokument jikkumplimentaw l-istrateġija EHEA tal-2020 "Titwessa' l-Parteċipazzjoni għall-Ekwità u t-Tkabbir"[1], li l-ministri adottaw f'Yerevan fl-2015 bħala mezz biex tkompli tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu biex tiżdied il-kwalità fl-edukazzjoni ogħla. Id-dimensjoni soċjali għandha issieħeb l-prinċipji ta' aċċessibbiltà, ekwità, diversità u inklużjoni fil-liġijiet, il-politiki u l-prattiki kollha li jikkonċernaw l-edukazzjoni ogħla b'tali mod li l-aċċess, il-parteċipazzjoni, il-progress u t-tlestija tal-edukazzjoni ogħla jkunu jiddependu primarjament fuq il-kapaċitajiet tal-istudenti, mhux fuq il-karatteristiċi personali tagħhom jew ċirkostanzi lil hinn mill-influwenza diretta tagħhom. B'dan l-iskop fil-qalb, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-Prinċipji u Linji Gwida billi joffru qafas legali, finanzjarju, amministrattiv u informattiv li jista' jagħti bidu għal proċessi ta' implimentazzjoni fil-livell lokali. Dan il-qafas se jippromwovi strateġiji inklużivi, li jipprovdu kemm appoġġ speċifiku għal studenti vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati[2] kif ukoll jenfasizza miżuri u politiki usa' li minnhom il-popolazzjoni studenteska u l-persunal impjegat f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jistgħu jibbenefikaw reċiprokament.

Parteċipazzjoni akbar minn gruppi vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati fl-edukazzjoni ogħla tipproduċi benefiċċji usa' fir-rigward ta' tnaqqis fil-provvista ta' benefiċċji tal-benessri soċjali, riżultati mtejba tas-saħħa u involviment akbar fil-komunità. B'mod kollettiv, dawn il-benefiċċji usa' isostnu soċjetajiet koeżivi u demokratiċi fejn jipprevalu l-ġustizzja soċjali, il-ġid pubbliku, ir-responsabbiltà pubblika u l-mobilità soċjali. Il-kwalifiki fil-livell ta' gradwati li jkunu mogħtija lil grupp usa' ta' ċittadini jfisser prospetti aħjar ta' impjieg, qligħ ogħla u t-trasferiment ta' apprezzament għall-benefiċċji tal-edukazzjoni ogħla lill-ġenerazzjoni li jmiss u lill-komunitajiet lokali tagħhom. Lil hinn mill-ilħuq tal-impenji meħuda mill-EHEA, it-teħid ta' approċċ olistiku u proattiv għat-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla jkompli jservi biex jitħaffef il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Dawn il-Prinċipji u Linji Gwida jistabbilixxu l-kors għad-deċennju li jmiss tal-EHEA għall-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla biex jintegraw dawn il-prinċipji fil-missjonijiet ewlenin tal-edukazzjoni ogħla: it-tagħlim, riċerka, innovazzjoni, skambju u komunikazzjoni tal-għarfien, governanza u ġestjoni istituzzjonali, kif ukoll fil-politiki għall-għoti tas-setgħa lill-istudenti preżenti u futuri u lill-persunal tal-edukazzjoni għolja. It-titjib tad-

[1] Aċċessibbli fuq *http://www.ehea.info/media.ehea.info/file/2015_Yerevan/71/5/Widening_Participation_for_Equity_and_Growth_A_Strategy_for_the_Development_of_the_SD_and_LLL_in_the_EHEA_to_2020_613715.pdf*
[2] Glossarju ta' Termini u Definizzjonijiet relatati mad-definizzjonijiet għal studenti vulnerabbli żvantaġġati u sottorappreżentati jinsab fl-aħħar tad-dokumentat.

dimensjoni soċjali billi nimxu lil hinn mill-twessigħ tal-klawsoli ta' aċċessibbiltà u minflok niffukaw fuq il-kunċett 'li ma nħallu lil ħadd warajna' huwa pass kruċjali 'l quddiem meta wieħed ifittex li jsaħħaħ is-soċjetajiet u d-demokraziji tagħna. Li nappoġġjaw ambjenti ta' tagħlim differenti huwa neċessità u għandu jitqies bħala investiment lejn is-soċjetajiet, u l-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ li jerfgħu r-responsabbiltà li jiżguraw li l-prinċipji u l-linji gwida proposti jiġu kkonsultati, aġġustati għar-realtajiet nazzjonali u implimentati, sabiex jissalvagwardjaw futur aħjar għas-sistemi tal-edukazzjoni ogħla tagħna.

Il-prinċipji fit-test ta' hawn taħt għandhom jinftiehmu bħala dikjarazzjonijiet ta' livell għoli li jservu bħala bażi għall kunċettwalizzazzjoni ta' politiki differenti għat-titjib tad-dimensjoni soċjali. Il-linji gwida huma rakkomandazzjonijiet maħsuba biex jagħtu parir lil dawk li jfasslu l-politika dwar kif il-prinċipji għandhom jiġu implimentati fil-prattika. Għalhekk, dan id-dokument kollu m'għandux jitqies bħala lista ta' kontroll, iżda pjuttost bħala l-bażi għal titjib kontinwu tal-politiki u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fil-livell nazzjonali u istituzzjonali.

## Prinċipji

1. **Id-dimensjoni soċjali għandha tkun ċentrali għall-istrateġiji tal-edukazzjoni ogħla fil-livell tas-sistema u dak istituzzjonali, kif ukoll fil-livell tal-EHEA u tal-UE.** It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla u t-trawwim tal-ekwità u l-inklużjoni biex jirriflettu d-diversità tas-soċjetà hija r-responsabbiltà tas-sistema tal-edukazzjoni ogħla sħiħa u għandha titqies bħala impenn kontinwu.

   **Linji gwida:**

   L-impenn strateġiku għad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla għandu jkun allinjat ma' miri konkreti li jistgħu jew jiġu integrati fil-politiki eżistenti tal-edukazzjoni ogħla jew żviluppati b'mod parallel. Dawn il-miri għandhom jimmiraw li jwessgħu l-aċċess, jappoġġaw il-parteċipazzjoni fi u t-tlestija tal-istudji għall-istudenti kollha, attwali u futuri.

   Fil-proċess tal-ħolqien ta' strateġiji għandu jkun hemm djalogu wiesa' bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, ir-rappreżentanti tal-istudenti u tal-persunal u partijiet interessati ewlenin oħra, inklużi l-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u persuni minn gruppi vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati. Dan id-djalogu wiesa' għandu jiżgura l-ħolqien ta' strateġiji inklużivi ta' edukazzjoni ogħla li jrawmu l-ekwità u d-diversità, u li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-komunità usa'.

2. **Ir-regolamenti legali jew id-dokumenti ta' politika għandhom jippermettu u jagħtu s-setgħa lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla biex jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom stess sabiex iwettqu r-responsabbiltà pubblika tagħhom lejn it-twessigħ tal-aċċess, il-parteċipazzjoni u t-tlestija tal-istudji tal-edukazzjoni ogħla.**

   **Linji gwida:**

   Ir-regolamenti legali u r-regoli amministrattivi għandhom jippermettu flessibbiltà suffiċjenti fit-tfassil, l-organizzazzjoni u t-twassil ta' programmi ta' studju biex jirriflettu d-diversità tal-bżonnijiet tal-istudenti. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom ikunu jistgħu jorganizzaw studji full-time u part-time, modi ta' studju flessibbli, tagħlim imħallat u mill-bogħod kif ukoll li jirrikonoxxu t-tagħlim preċedenti (RPL), sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni diversa tal-istudenti.

   L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jippromwovu r-rikonoxximent tat-tagħlim preċedenti mhux formali u informali (RPL) fl-edukazzjoni ogħla, minħabba li għandu impatt pożittiv fuq it-twessigħ tal-aċċess, it-tranżizzjoni u t-tlestija, l-ekwità u l-inklużjoni, il-mobilità u l-impjegabbiltà. L-RPL jippermetti modi flessibbli ta' tagħlim tul il-ħajja fis-settur edukattiv kollu, inkluża l-edukazzjoni ogħla. L-implimentazzjoni ta' RPL se teħtieġ kooperazzjoni effettiva fost is-sistema ta' edukazzjoni ogħla, min iħaddem u l-komunità usa' u biex dan ikun possibbli, l-oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali għandhom jiffaċilitaw rikonoxximent trasparenti tar-riżultati tat-tagħlim u proċeduri affidabbli ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

**3. L-inklussività tas-sistema edukattiva kollha għandha tittejjeb billi jiġu żviluppati politiki koerenti mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal, permezz tal-iskola sa edukazzjoni ogħla, u t-tagħlim tul il-ħajja.**

**Linji gwida:**

Huwa importanti li jinħolqu sinerġiji mal-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-oqsma tal-politika relatati (bħall-finanzi, l-impjiegi, is-saħħa u l-benesseri soċjali, l-akkomodazzjoni, il-migrazzjoni eċċ.) sabiex jiġu żviluppati miżuri ta' politika li joħolqu ambjent inklużiv fis-settur edukattiv kollu li jrawwmu l-ekwità, id-diversità, u l-inklużjoni, u li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-komunità usa'.

Il-politiki tad-dimensjoni soċjali m'għandhomx biss jappoġġjaw lill-istudenti attwali, iżda wkoll lill-istudenti potenzjali fil-preparazzjoni u t-tranżizzjoni tagħhom għall-edukazzjoni ogħla. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla għandha tkun għażla tul il-ħajja, inkluż għall-adulti li jiddeċiedu li jirritornaw jew jidħlu fl-edukazzjoni ogħla fi stadju aktar tard f'ħajjithom. Approċċ inklużiv jeħtieġ li jinvolvi komunitajiet usa', istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u gruppi oħra ta' partijiet interessati biex joħolqu flimkien mogħdijiet għall-edukazzjoni ogħla.

L-ekwità, id-diversità u l-inklużjoni għandu jkollhom rwol ewlieni fit-taħriġ tal-għalliema ta' qabel l-edukazzjoni ogħla.

**4. Data affidabbli hija prekundizzjoni meħtieġa għal titjib ibbażat fuq l-evidenza tad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla.** Is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla għandhom jiddefinixxu l-iskop u l-għanijiet tal-ġbir ta' ċerti tipi ta' data, filwaqt li jqisu l-partikolaritajiet tal-oqfsa legali nazzjonali. Għandhom jiġu żviluppati kapaċitajiet adegwati biex tinġabar, tiġi pproċessata u użata tali data sabiex tkun infurmata u appoġġjata d-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla.

**Linji gwida:**

Sabiex jiġu żviluppati politiki effettivi, huwa meħtieġ ġbir kontinwu ta' data nazzjonali. Fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali, tali ġbir tad-data għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-korp studentesku, l-aċċess u l-parteċipazzjoni, it-tluq u t-tlestija tal-edukazzjoni ogħla, inkluża t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol wara t-tlestija tal-istudji, u jippermetti l-identifikazzjoni ta' gruppi vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati.

Sabiex dan il-ġbir tad-data jkun komparabbli internazzjonalment, il-ħidma fuq kategoriji għall-ġbir amministrattiv tad-data li hija rilevanti għad-dimensjoni soċjali għandha tiġi żviluppata fil-livell tal-EHEA permezz tal-Eurostudent jew stħarriġ simili. Bil-għan li jiġi razzjonalizzat il-proċess u jiġi evitat piż amministrattiv fuq l-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, dan l-iżvilupp għandu jqis il-prattiki nazzjonali eżistenti u l-proċessi rilevanti tal-ġbir tad-data.

Tali eżerċizzji ta' ġbir ta' data nazzjonali jistgħu, fejn rilevanti u meħtieġ, jiġu kkumplimentati minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jwettqu stħarriġ, riċerka u analiżi addizzjonali biex jifhmu aħjar il-vulnerabbiltà, l-iżvantaġġi, u s-sottorappreżentanza fl-edukazzjoni, kif ukoll it-tranżizzjonijiet tal-istudenti fis-sistema edukattiva.

5. **L-awtoritajiet pubbliċi għandu jkollhom politiki li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla jiżguraw kunsill u gwida effettivi għall-istudenti potenzjali u rreġistrati sabiex iwessgħu l-aċċess tagħhom, il-parteċipazzjoni u t-tlestija tal-istudji tal-edukazzjoni ogħla.** Dawn is-servizzi għandhom ikunu koerenti fis-sistema edukattiva kollha, b'attenzjoni speċjali għat-tranżizzjonijiet bejn livelli edukattivi differenti, istituzzjonijiet edukattivi u fis-suq tax-xogħol.

**Linji gwida:**

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom joħolqu kundizzjonijiet li jippermettu kollaborazzjoni bejn istituzzjonijiet pubbliċi differenti li jipprovdu servizzi ta' kunsill u gwida flimkien ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla sabiex jinħolqu sinerġiji u jevitaw d-duplikazzjoni ta' servizzi simili. Dawn is-servizzi għandhom iħarsu l-prinċipji taċ-ċarezza u l-faċilità għall-utent, għaliex l-utenti finali għandhom ikunu kapaċi jifhmuhom faċilment.

Fi ħdan korp studentesk divers, attenzjoni speċjali għandha tkun diretta lejn studenti bi sfidi ta' saħħa fiżika u psikoloġika. Dawn l-istudenti għandu jkollhom aċċess għal appoġġ professjonali biex jiżguraw is-suċċess tagħhom fl-aċċess u fit-tlestija tal-istudji tal-edukazzjoni ogħla. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-prevenzjoni ta' sfidi psikoloġiċi kkawżati mill-organizzazzjoni tal-istudju u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-istudenti.

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jikkunsidraw ukoll li jwaqqfu istituzzjonijiet tat-tip ombudsperson li jkollhom il-kapaċità u l-għarfien biex jimmedjaw kwalunkwe kunflitt, partikolarment relatat ma' kwistjonijiet ta' ekwità li jistgħu jinqalgħu waqt l-aċċess jew il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla, jew kunflitti li jxekklu t-tlestija tal-istudji.

6. **L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jipprovdu finanzjament suffiċjenti u sostenibbli u awtonomija finanzjarja lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla li jippermettulhom jibnu kapaċità adegwata biex iħaddnu d-diversità u jikkontribwixxu għall-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni ogħla.**

**Linji gwida:**

Is-sistemi ta' finanzjament tal-edukazzjoni ogħla għandhom jiffaċilitaw il-kisba ta' miri strateġiċi relatati mad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni ogħla. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla għandhom jiġu appoġġati u ppremjati talli jilħqu l-miri miftiehma fit-twessigħ tal-aċċess, iż-żieda fil-parteċipazzjoni u t-tlestija tal-istudji fl-edukazzjoni ogħla, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati. Il-mekkaniżmi għall-kisba ta' dawn il-miri m'għandhomx ikollhom konsegwenzi finanzjarji negattivi fuq il-finanzjament ewlieni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla.

Is-sistemi ta' appoġġ finanzjarju għandhom jimmiraw li jkunu applikabbli b'mod universali għall-istudenti kollha, madankollu, meta dan ma jkunx possibbli, is-sistemi pubbliċi ta' appoġġ finanzjarju għall-istudenti għandhom ikunu primarjament ibbażati fuq il-ħtiġijiet u għandhom jagħmlu l-edukazzjoni bi prezzijiet raġonevoli għall-istudenti kollha, u jsostnu aċċess għal u jipprovdu opportunitajiet għal suċċess fl-edukazzjoni ogħla. Għandhom jikkontribwixxu prinċipalment biex ikopru kemm l-ispejjeż diretti tal-istudju (miżati u materjali tal-istudju) kif ukoll l-ispejjeż indiretti (eż. akkomodazzjoni, li qed issir dejjem aktar problematika għall-istudenti fi ħdan l-EHEA minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tad-djar, tal-għajxien u tat-trasport, eċċ. ).

7. **L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jgħinu lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla biex isaħħu l-kapaċità tagħhom biex jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' korp ta' studenti u persunal aktar divers u joħolqu ambjenti ta' tagħlim inklużivi u kulturi istituzzjonali inklużivi.**

**Linji gwida:**

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jappoġġjaw u jipprovdu mezzi adegwati lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla biex itejbu t-taħriġ professjonali inizjali u kontinwu għall-persunal akkademiku u amministrattiv biex ikunu jistgħu jaħdmu b'mod professjonali u ekwu ma' korp studentesku u persunal divers.

Kull meta jkun possibbli, is-sistemi esterni ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandhom jindirizzaw kif id-dimensjoni soċjali, id-diversità, l-aċċessibbiltà, l-ekwità u l-inklużjoni huma riflessi fi ħdan il-missjonijiet istituzzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla.

8. **Il-programmi ta' mobilità internazzjonali fl-edukazzjoni ogħla għandhom ikunu strutturati u implimentati b'mod li jrawmu d-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni u għandhom partikolarment irawmu l-parteċipazzjoni ta' studenti u persunal minn sfondi vulnerabbli, żvantaġġati jew sottorappreżentati.**

**Linji gwida:**

L-esperjenzi internazzjonali permezz tal-mobilità tat-tagħlim itejbu l-kwalità tar-riżultati tat-tagħlim fl-edukazzjoni ogħla. L-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom jiżguraw aċċess ugwali għal kulħadd għall-opportunitajiet ta' tagħlim offruti minn programmi ta' mobilità ta' tagħlim u taħriġ nazzjonali u internazzjonali u jindirizzaw b'mod attiv l-ostakli għall-mobilità għal gruppi ta' studenti u persunal vulnerabbli, żvantaġġati jew sottorappreżentati.

Minbarra aktar appoġġ għall-mobilità fiżika, inkluża l-portabbiltà sħiħa ta' għotjiet u self fi ħdan l-EHEA, l-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom jiffaċilitaw l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) biex jappoġġaw il-mobilità mħallta u jrawmu l-internazzjonalizzazzjoni fid-dar billi jinkorporaw il-kooperazzjoni onlajn fil-korsijiet. Il-mobilità mħallta hija t-taħlita ta' perjodu ta' mobilità fiżika u perjodu ta' tagħlim onlajn. Tali kooperazzjoni onlajn tista' tintuża biex testendi r-riżultati tat-tagħlim u ttejjeb l-impatt tal-mobilità fiżika, pereżempju billi tlaqqa' flimkien grupp aktar divers ta' parteċipanti, jew biex toffri firxa usa' ta' għażliet ta' mobilità.

**9. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom jiżguraw li l-impenn tal-komunità fl-edukazzjoni ogħla jippromwovi d-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni.**

**Linji gwida:**

L-impenn komunitarju għandu jitqies bħala proċess li bih l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jimpenjaw ruħhom ma' partijiet interessati esterni tal-komunità biex iwettqu attivitajiet konġunti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju reċiproku. Bħall-politiki tad-dimensjoni soċjali, l-impenn komunitarju għandu jkun inkorporat fil-missjonijiet ewlenin tal-edukazzjoni ogħla. Għandu jkun involut mat-tagħlim, ir-riċerka, l-iskambju tal-għarfien u s-servizz, l-istudenti u l-persunal u l-ġestjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla. Tali impenn jipprovdi bażi olistika li fuqha l-universitajiet jistgħu jindirizzaw firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tas-soċjetà, inklużi dawk ta' gruppi vulnerabbli, żvantaġġati u sottorappreżentati, filwaqt li jarrikkixxu t-tagħlim, ir-riċerka u funzjonijiet ewlenin oħra tagħhom.

Il-partijiet interessati tal-komunità (eż. awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet kulturali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, negozji, ċittadini) għandhom ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod sinifikanti mal-atturi tal-edukazzjoni ogħla permezz ta' djalogu miftuħ. Dan se jippermetti sħubijiet ġenwini bejn l-università u l-komunità, li jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi soċjali u demokratiċi.

**10. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jidħlu fi djalogu ta' politika ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u partijiet interessati rilevanti oħra dwar kif il-prinċipji u l-linji gwida ta' hawn fuq jistgħu jiġu tradotti u implimentati kemm fil-livell tas-sistema nazzjonali kif ukoll f'dak istituzzjonali.**

**Linji gwida:**

Djalogu ta' politika bħal dan għandu jippermetti li jiġu żviluppati miżuri ta' politika tajbin għall-iskop tagħhom, li għandhom jirrispettaw l-awtonomija istituzzjonali, jevitaw kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn, u b'hekk jippermettu progress konkret lejn id-diversità, l-ekwità, u l-inklużjoni fl-edukazzjoni ogħla.

Fl-ambitu tal-prinċipji u l-linji gwida ta' hawn fuq, l-appoġġ bejn il-pari u l-iskambju ta' prattiki tajba huwa kruċjali fost il-pajjiżi tal-EHEA sabiex jiġi ffaċilitat il-progress lejn l-inklussività tas-sistemi tal-edukazzjoni ogħla.

# Glossarju ta' Termini u Definizzjonijiet[3]

*Dan il-glossarju jiddefinixxi t-tliet termini ċentrali f'dan id-dokument, jiġifieri studenti sottorappreżentati, żvantaġġati u vulnerabbli. Id-definizzjonijiet m'għandhomx jinftiehmu bħala definizzjonijiet legali u għalhekk ma jidħlux f'kunflitt ma' ebda regolament legali eżistenti, anzi huma maħsuba bħala definizzjonijiet spjegattivi użati fir-rigward tal-kontenut tal-Prinċipji u l-Linji Gwida.*

**Studenti sottorappreżentati:**
Grupp ta' studenti huwa sottorappreżentat fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi (eż. genru, età, nazzjonalità, oriġini ġeografika, sfond soċjoekonomiku, minoranzi etniċi) jekk is-sehem tiegħu fost l-istudenti jkun inqas mis-sehem ta' grupp komparabbli fil- popolazzjoni totali. Dan jista' jiġi dokumentat fil-ħin tal-ammissjoni f'kors, matul il-kors tal-istudji jew fil-gradwazzjoni. L-individwi normalment ikollhom diversi karatteristiċi sottorappreżentati, u huwa għalhekk li kombinazzjonijiet ta' karatteristiċi sottorappreżentati ("intersezzjonalità") għandhom dejjem jiġu kkunsidrati. Barra minn hekk, is-sottorappreżentanza tista' ukoll ikollha impatt f'livelli differenti ta' edukazzjoni ogħla – programm ta' studju, fakultà jew dipartiment, istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, sistema ta' edukazzjoni ogħla.
Din id-definizzjoni hija komplementari għall-Komunikat ta' Londra, *"li l-korp studentesk li jidħol, jieħu sehem fi u jtemm l-edukazzjoni ogħla fil-livelli kollha għandu jirrifletti d-diversità tal-popolazzjonijiet tagħna"*, iżda ma tkoprihiex bis-sħiħ.

**Studenti żvantaġġati:**
Studenti żvantaġġati ħafna drabi jiffaċċjaw sfidi speċifiċi meta mqabbla ma' sħabhom fl-edukazzjoni ogħla. Dan jistgħu jieħdu ħafna forom (eż. diżabilità, dħul baxx tal-familja, ftit jew xejn appoġġ mil-familja, orfni, ħafna ċaqliq fl-iskejjel, saħħa mentali, tqala, li jkollok inqas ħin biex tistudja għax trid taqla' l-għixien billi taħdem jew ikollok dmirijiet ta' kura). L-iżvantaġġ jista' ikun permanenti, jista' jseħħ minn żmien għal żmien jew għal perjodu limitat biss.
Studenti żvantaġġati jistgħu jkunu parti minn grupp sottorappreżentat, iżda mhux bilfors ikunu. Għalhekk, żvantaġġati u sottorappreżentati mhumiex sinonimi.

**Studenti vulnerabbli:**
Studenti vulnerabbli jistgħu jkunu f'riskju ta' żvantaġġ (ara hawn fuq) u barra minn hekk għandhom bżonnijiet speċjali (protezzjoni). Pereżempju, għax ibatu minn mard (inkluża s-saħħa mentali) jew għandhom diżabilità, għax huma minorenni, għax il-permess ta' residenza tagħhom jiddependi mis-suċċess tal-istudji tagħhom (u għalhekk ukoll fuq deċiżjonijiet meħuda minn għalliema individwali), għax huma f'riskju li jiġu diskriminati. Dawn l-istudenti huma vulnerabbli fis-sens li jistgħu ma jkunux kapaċi jiżguraw il-benessri personali tagħhom, jew li jistgħu ma jkunux kapaċi jipproteġu lilhom infushom minn deni jew sfruttament u jeħtieġu appoġġ jew attenzjoni addizzjonali.

[3] Dan il-glossarju huwa maħsub biss għall-iskop ta' dawn il-Prinċipji u Linji Gwida.

Co-funded by
the European Union

This translation is co-funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna
process

ITALIAN **BFUG** SECRETARIAT
**2018-2020**